MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 14/2012

**Mirage Holdings Ltd**
**Vs**
**Cihan Kalkan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Jannar, 2012 fejn is-socjeta' attrici qalet illi l-konvenut ghandu jghati lis-socjeta' attrici l-ammont komplessiv ta' sitt mija u tnejn u tletin ewro (€632) kwantu ghal hames mija u tnejn u sittin ewro (€562) prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u kwantu ghal sebghin ewro (€70) bhala interessi.

Peress illi l-konvenut interpellat biex ihallas dan l-ammont baqa' inadempjenti, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mija u tnejn u tletin ewro (€632) bl-ispejjez u bl-interessi ulterjuri kontra l-konvenut.

Wara li l-konvenut gie debitament notifikat ipprezenta risposta fil-15 ta' Frar, 2012 fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artiklku 2148 a u b tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Illi fil-15 ta' Frar, 2012 gietipprezentat kontrotalba fejn il-konvenut talab danni ammontanti ghal hames mija u sebgha ewro (€507) minhabba l-fatt illi l-mobbli lilha kkonsenjati ma kienux mahduma skond l-arti u s-sengha u hsarat ohra waqt l-installazzjoni mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant umilment talbet illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata tigi kkundannata thallas l-ammont ta' hames mija u sebgha ewro (€507).

B'risposta ghal kontrotalba s-socjeta' attrici eccepiet illi l-kontrotalba ghandha tigi michuda stante illi l-ghamara mibjugha u kkonsenjata kienet mahduma skond l-arti u s-sengha u s-socjeta' attrici ma kkawzat ebda dannu waqt l-installazzjoni ta' l-istess ghamara.

Xehdet Marisa Kalkan illi spjegat illi hi ordnat diversi oggetti mignhand is-socjeta attrici u kwazi fuq kull haga li ordnat kellha l-problemi. Uhud mill-problemi gew solvuti izda ohrajn ma gewx solvuti . Tghid illi l-kwistjoni ma hallithiex rieqda u kellmet diversi persuni filfatt tat l-ismijiet ta' nies impjegati mas-socjeta' attrici li kellmet fuq din il-kwistjoni. Tghid illi fuq l-affarijiet pendenti baqghu imeruha per ezempju taf illi taqbu sitt bibien tal-gwardarobba ghall-pumi pero jibqghu jinsistu maghha illi l-gwardarobba suppost ghandha biss tlett pumi.

Din ix-xhud xehdet ukoll dwar il-hsarat illi hallewlha u taghhom ipprezentat stima peress illi r-ricevuti originali intilfu u fuq dan xehed u kkonferma bil-gurament tieghu l-avukat difensur taghha.

Rigward id-*delivery note* ipprezentat mis-socjeta' attrici tal-affarijiet neqsin din ix-xhud tghid illi fuq dan id-dokument ma hemmx il-firma taghha u lanqas dik tar-ragel taghha.

Xehed Luciano Martinelli in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Dan ix-xhud jahdem fl-*accounts section* tal-kumpanija. Dan ix-xhud ikkonferma illi kien ghad fadal l-ammont ta' hamess mitt ewro (€500) pendenti peress illi huwa veru li kien hemm affarijiet neqsin pero dan ix-xhud jghid illi imbaghad kollox wasal ghand il-konvenut u pprezenta wkoll *delivery note*. Jikkonferma wkoll illi l-klijenta kienet semmietlu li kellha xi hames mitt ewro

(€500) spejjez tal-hsarat. Izda jghid illi baqghet ma pprezentat l-ebda ricevuta fiskali ta’ dawn.
Illi l-konvenut permezz tal-avukat difensur tieghu fid-19 ta’ Frar, 2013 irrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.
It-Tribunal wara li semgha l-partijiet u ra d-dokumenti prrezentati jemme lix-xhud Marisa Kalkan mart il-konvenut illi kellha diversi hsarat u oggetti nieqsa. Jibqa’ biss il-fatt dwar id-*delivery note* fejn is-socejta’ attrici qed tghid illi d-*delivery* ghamlitha u hemm il-firma tal-konvenut. Filwaqt illi Marisa Kalkan tghid illi l-firma fuq dan id-dokument la hija taghha u lanqas ta’ zewgha Cihan Kalkan. It-Tribunal filfatt ra illi l-firma hija differenti kemm minn tal-konvenut kif ukoll minn tal-mara tieghu Marisa Kalkan.
Ghal dawn il-motivi it-Tribunal ihoss illi b’ekwita jichad it-talba attrici filwaqt illi tichad ukoll il-kontrotalba tal-konvenut.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------